# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, l' 24 TA DICEMBRU, 1912. NRU. 46.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Cuncors.

Mill'Uffizzju tal *Habib,*
Palazz Caraffa,

fis-6 ta Dicembru, 1912.

Aħna, li sejjrin inniżżlu isimna haŭn taħt, nistkarru u inħabbru li, mistiednin mid-Direttur tal *Habib,* iltkajna flimchien mieghu: u, kuddiemu, krajna u flejna tajjeb ghaxar Poeżiji bil Malti fuk il Milied, li ħrigna minn geŭŭa ittri maghluka u sibnihom igibu il kaddis ta *Gosmo, Farfett, Theosebeja, Ginu, Spes, Fra Diegu, Bin-il-kerk, Fiurett, Alter ego* u *Saffo.*

Imŭarrba ŭaħda minnhom (bil kaddis ta *Bin-il-kerk*), li ma titchellemx fuk il Milied, id-disgha l'oħra, fil ghamla, fit-tul, fil chitba u f'collox, sibnihom scond il pattijet tal *Cuncors* li giè imxandar fil *Habib* tal 15 ta ottubru li ghadda: u, ŭara li użinnihom bir-rekka collha, l'eŭŭel ŭaħdaŭaħda u imbaghd id-disgha flimchien, ktajna it-tnejn b'li stess fehma li natu il premju fosthom lill Poeżija bil kaddis ta *Ginu.* Biss ghandna nghidu li id-disa' Poeżiji collha fihom il ġmiel taħħom, ghad li il chittieba, seŭŭa ta dic li ħarget l'eŭŭel, chemm ucoll tat-tmienja l'oħra, ma telghux bil ħsieb taħħom xi ftit fil ghôli, chif titlob il vera Poeżija, imma iccuntentaŭ li ighidu il ġrajja tal Milied; u li, ghal-chemm il Poeżija ta *Ginu* icconsidrajniha l'aħjar fost l'oħrajn, dan ma ifisserx li sibniha minghajr difetti.

Ŭara li fissirnielu dan collu, l'imsemmi Direttur tal *Habib* fetaħ kuddiemna l'ittra li chien fiha fukha il kaddis (*Ginu*) tal Poeżija li ħadet il premju: u sibna it-tlieta flimchien li dic il Poeżija hi tas-Sur G. Mifsud-Bonici.

Nifirħu, mela, lil dan is-Sinjur: u natuħ il gieħ tal aħjar chittieb ta dan il *Cuncors.*

Nistkarru, fl'aħħar nett, li it-tmien Poeżiji l'oħra u l'ittri bl'ismijet tal chittieba taħħom maghlukin geŭŭa fihom, biex icun imħares seŭŭa il ħames patt tal *Cuncors,* ħraknihom aħna it-tnejn flimchien, bid-Direttur dejjem maghna.

Niżżu-ħajr lid-Direttur tal *Habib,* li ghoġbu jiħtar lîlna ghal dan ix-xoghol tal gieħ u tar-rekka: u nittamaŭ li jibdeŭ isiru minn daŭn il *Cuncorsi,* ghax icunu ta gid cbir ghat-taghlim tal chittieba bil Malti ta cull xorta.

SAC. CARMELO PSAILA.
ALB. CESAREO.

Indomm ma taż-żeŭġ Imħallfin il ferħ tieghi lir-Rebbieħ tal *Cuncors* u inrodd il ħajr lîlhom, li, chittieba mill'akŭa ta Malta u it-tnejn mghobbijin bix-xoghol taħħom, daħlu ghal din il ħidma u mexxeŭha b'dehen tal ghageb. Nistkarr ucoll fuk l'onur u il cunxenza tieghi li, mindu ŭaslu f'idejja sa mita irħejthom f'idejn iż-żeŭġ Imħallfin, l'ittri collha tal *Cuncorrenti* bakghu issigillati chif geŭ mal Posta u imsaccrin taħt żeŭġ ċŭievet fl'Uffizzju tal *Habib,* geŭŭa il Palazz Caraffa, fejn, imbaghd, inħarku, chif fissru l'Imħallfin, bix-xhieda ucoll tas-Sur Tonìn Falzun, li kabbdilna in-nar biex naħarkuhom.

Dan il *Cuncors* taghna mar tajjeb ħafna: u jecc nara li ghoġob lill biċċa il cbira tal chittieba (lil cull-ħadd ma jistax icun, inkas jecc imexxuħ il Kaddisin), ma jonkosx minni li isiru oħrajn.

Fis-7 ta dicembru, 1912.

G. MUSCAT-AZZOPARDI,
Direttur tal *Habib.*

## IL MILIED

Lejla mudlama, ir-riħ ivenven,
Il kalb mirżuħa, is-silġ u 'l csiħ,
Ileħħ il berak, is-sħab irieghed,
Li mtarr chien nieżel ucoll b'is-sħiħ.

Lejla kalila, lejla li tuaħħax,
Lejla li bħalha ma chienet katt,
Ghal chenn, ghas-sħana, u f'l-aħjar nghasa
F'bejtietu mghezzez kieghed collħadd.

Minn triek imueghra, mill uens imċaħħda
Ghaddeijin chienu seŭ dan il ħin
Xbeiba ma xuejjaħ ifaħħru l-*Alla*
Uakt illi isabbru chienu 'l xulxin.

Kuddiem tad-dinja l-ghajnejn karriekä
Nies chienu jidhru mill-actar fkar,
Ta *Sid* il ħlejjak l-ghaxka daun chienu
Kabel xejn lilhom ma ħalak mar.

Ghaijenin mejtä, l-haun l-inn iħârsu,
F'tarf raħal jaslu ghasra mxarbin,
Ghâr nofsu mġarraf kuddiemhom lemħu
Fiħ biex jischennu bakghu dieħlin.

Fuk gebla nxteħet ix-xuejjaħ, f'rocna,
Sabiex mill eghja xi ftit jistrieħ,
Nghas tkil u ħelu giè f'dakka fuku,
Bla ma ried ghajnu fis marret biħ.

U dic ix-xbeiba li giet imxebbħa
Lill gilju safi minn tal uiedien,
L-iggib f'id-dinja il *Frott* imbierec
Ħasset li korob chien tighu 'ż-żmien.

Fuk ircobbtejha, f'nofs l-ghâr inxteħtet,
Ghajnejha refghet lejn is-smeuuiet,
Bill kalb, bill ħeġġa, b'l-icbar imħabba
Talb lill *Cbir Alla* taghmel Hi bdiet.

It-*Tempju Mkaddes,* bla xejn ittiefes,
Id-*Daul* f'id-dinja li chien mixtiek
Ġo l-ghâr Hu deher sabiex idauual;
Biħ narau nimxu fil *Ġdida Triek;*

U dlonc il chesħa, il bard u ix-xita,
Ir-rghad u 'l berak, is-silġ u ir-riħ,
Bill kajla 'l kajla f'ix-xejn intemmu,
Inchixfu 'l cuiecheb mal kamar sħiħ.

Raġġ l-actar safi, mibghut mis-sema
Fuk l-ghâr infirex, daħal ġo fiħ,
B'daul liema bħalu li 'l klub ighaxxak
Bill ġmiel u l-hena tal genna mliħ;

U 'd-dlam li isaltan chien fuk ir-raħal
F'daul hua safa mill iżjed ċar,
Nofs il-lejl tbiddel b'ta collħadd ghageb
Minn tar-*Rebbigha* f'l-isbaħ inhar.

Il buieb tas-sema jinfetħu dehru,
Ktajja cbar t'anġli joħorġu fis;
Minn hemm jittajru, geuua l-ghâr daħlu
Sabiex ikimu l-*Alla* ghażis.

Tar-rocna 'x-xuejjaħ chien s'er jistenbaħ,
Cant ta cbir hena ħass riesak lejħ,
Ghaxka, ferħ, faraġ henneulu 'l kalbu
*Gloria* in excelsis sama' f'uidnejħ.

Haun, hua stenbaħ; mistghageb baka';
Ħaseb li tighu chien xi theudin,
Fi ħdan ix-xbeiba, mal ħârsa ntebaħ,
Il Kaddis lemaħ tal Kaddisin.

Bi cbira kima lejħ hua resak,
Kuddiemu nxteħet fis gharcobbtejħ;
Dic it-tarbija, ghaxka tas-sema
Tatu tbissima x'ħin ħarset lejħ.

Minn moħħ ix-xuejjaħ ħsieb kalil ghadda
Ħsieb li ferm cheddu, beca b'id-dmugħ,
Ftacar fill fakar ta *Dac* li ghandu
Mill jasar jarfa' minn taghna 'r-ruħ.

Hi, fuk ftit tiben, f'maxtura kieghdet
B'gieħ minn ta xbeiba, bi mħabba t'omm,
Dac li Hi chienet ħinijet kabel
Fill ġuf bla tebgha minn tagħha 'żżomm.

L-anġlu minn t'*Alla* bill leħen tighu
L-aħbar dlonc xerred l-in-nies tajbin,
Li daun mal bxara ħalleu bejtiethom
U marru ikimu l-*Alla-Bambin!*

*Gesù ta kalbi*, l-ghâr li fiħ lakghec
Dicment imbierec u mkaddes chien:
Chemm mela mbierec ncun u imkaddes
X'ħin nersak nilkghec ġo sidri ien?!!!

GINU.

G. M. A. {S. C. P. / A. C.}

MIL-KAUUA TA'L-EFFETTI
TAN-NATURA NAGĦARFU
ILLI HUMA MA HUMIEX GEJJIN
MIN CAS, IŻDA MINN CUNSILL.

Hi proprietà tal-cas illi hua fl-għamil tiegħu ibiddel u jecc xi mindakkiet ma ibiddelx, dan ma jagħmlux ta'sicuit. Biex nifthemu aħjar ingibu bħala turija id-dadi tal-logħob: jecc fuk il-mejda nixħtu ta' cull darba chif giè giè d-dadi, segur illi ma jista'x jigina ta' cull darba li-stess għadd ta' punti, iżda jbiddel u jigina issa l-uieħed u issa l-ieħor. U dan il għala? Għaliex dan l-għamil ma hux ħlief effett tal-cas; hecc jaf jagħmel il-cas, katt ma hu costanti fl-għamil tiegħu. Mela jecc nokogħdu għal dat-tagħlim, jigifieri illi l-cas hua kalliebi u jbiddel fl-għamil tiegħu, katt ma għandna nemmnu illi l-effetti tan-natura, li hija kauuija fl-għamil tagħha, gejjin minn cas, iżda minn cunsill. Sabiex narau li ma jista'x icun xort'oħra natu dakka ta'għajn lejn dic il-għakda li bakgħet u tibka' li-stess, għallavolja ilha minn żmien żimżem, lejn dic il-għakda rridu ngħidu ta' dauc il-bosta ħuejjeġ, li għal collox ma jakblux ma' xulxin là fit-tnissil u l-ankas f-ħaġ'oħra, ta' dauc il-proprietajjet, li bejnithom huma nieksin għal-laħħar fit-takbil, bħalma huma l-ħuejjeġ ħfief u l-ħuejjeġ tkal, il-ħuejjeġ jiebsin u l-ħuejjeġ rotob, il-ħuejjeġ midualin u l-ħuejjeġ mudlamin, il-ħuejjeġ sħan u il-ħuejjeġ cesħin. Issa jecc mingħajr sengħa ma jistgħux jingħakkdu ma' xulxin edauc il-bosta roti li ma jakblux bejniethom tant fid-daks chemm ucoll fis-sura, bħalma huma, ngħidu aħna, r-roti ta' l-arloġġ: chemm immela ma jistgħux mingħajr sengħa u mingħajr cunsill jingħakkdu ma' xulxin u jidhru bħal ħaġa uaħda edaun il-bosta ħuejjeġ li bejniethom xejn ma jakblu? Edaun il-ħuejjeġ illi flimchien ma' bosta oħrajn isauru d-dinja, għalchemm ma humiex ta' li-stess għamla u ta' li-stess gens, iżda huma tant imkassmin tajjeb bejniethom u tant ilhom f-dan it-tkassim, illi min għandu ftit tal-melħ f-moħħu jigi mgiegħel li għid illi huma ma humiex gejjin minn cas, iżda minn cunsill.

*(Jissocta)* E. F.

# Il Milied.

Dan hu tasseu il jum tal akua ferħ ghax ifaccarna f'mita tuieled ghalina il Feddej Mkaddes.

Izejinu il cnejjes, u b'il-lejl (*lactar imbghad il Catidral tal'Imdina, fejn il Capitulu d'is-sena ghogbu iżid l'aciteleni*) tarahom jiddu mixilgha sħiħa, bħallichiecu b'inhar uakt ix-xemx.

Il ħuienet, il cażini, is-sûk, chif ucoll id-djar tal ghonja, colfejn tħares, frighej tas-siġar addoċċ, u uard maktuħ frisc mill ġonna, jeu rangìs tal uidjen.

Lejliet il Milied filghaxija, joħorġu idokku bil chitarri u il mandolini, oħrajn jiltakghu ghand ħbiebhom jeclu flimchien caghac tal ghasel, sfineġ u xcunvat, u jilghabu il gelleuż sa xhin jibda idokk l'aħħar ghall cnisja.

Il bkija ta 's-sahra, imbghad, ighadduha hecc bħal kâbel, ghax dac il-lejl kajla jorkdu; u ma tismâx ħlief min iżengher u jghanni: «*Ninu ninu tal Milied.*»

Krib il Milied, f'xi 'r-rħula, pħalma huma Ħad-Dingli, Fuk Ghariexem, iz-Zurrik, il Mosta, in-Naxxar,—ghadhom joħorġu idokku iż-żakk, u tistħajjilhom ir-raghajja ta Betlem.

F' id-djar jghamlu il presepju: x'uħud minnhom, pħal dac li jarmau Ħall-Kormi, u xi tnejn oħra tas-Sliema, icunu sbieħ chemm jistghu icunu u ma tixba katt tħares lejjhom.

Id-drauua li fil Milied il Cnejjes u id-djar izejjnuhom bil uard u il ħaxix, ilha, tista tgheid, minn mindu l'Appostli chienu ghadhom f'id-dinja· u il mixilgha ġo il cnejjes f'nofs il-lejl tal Milied tfisser id-daul li deħer jiddi f'uiċċ is-sema; u l'ir-raghajja ta Betlem nebbaħħom u ħabbarhom b'it-Tuelid ta Cristu, f'dac il-lejl.

Id-drauua l'oħra li in-nies, jigifieri fil Milied, jghamlu il caghac tal kastanija, hia mnissla mil pagani, eluf ta snin ilu, li chienu jaħmu u jixuu f'li frân il caghac bħala sinjal ta kima lil Gianu (alla falz ta 's-sena il ġdida).

DUN GIUSEPP FARRUGIA, *Cappillan*.

## ĠMIEL U CRUGĦA TAS-SIĠAR.

*(jissocta fuk in-numru 45)*

Bħalma il ġmiel tat-tfal żgħar, imgħeżŭera ġo 'l filoxx ta cull leŭn, minsuġ bħal kaŭsalla imżeŭŭka b'cull xorta ta leŭnijet li igibu għira saħansitra lill pinzelli ta Rubens u ta Tizjanu, u lill'arazzi (insiġ) ta Gobelin, hecc ucoll il ŭard f'għamilu ihenni il kalb, iferraħ il bniedem u minn xi dakkiet jislitlu id-dmugħ ucoll.

Għall gieħ il ŭard u is-siġar giè minsuġ cull xorta ta takbil u tifħir li ma geŭx magħmula għall'akŭa nies, għal xi ŭard ieħor bosta xbejbiet chitbu bosta ġrajja ta mħabba, għall ŭard cull maħluk isib fiħ il għaxka tiegħu; li stess allat foloz tal ibħra u il cŭiecheb ħabbeŭ saħansitra il ŭard tal art. Il cbir Cicerun għoġbu ifaħħar il ŭarda maltija u sejjħilha is-*sultana tas-sbuħija fost il ŭard*. Iżda jecc il ŭard hu sabiħ, is-sîġra priclu hija cbira u ta kaŭŭa li ma' bħalha!.. Il *baobab* jeŭ is-siġra tal ħobż tax-xadini li ticber ferm fl'Africa, tgħaddi miż-żmien lill plier tal Egittu. xi siġar tat-tamar jogħleŭ fuk l'għola bini li iżejjen l'isbaħ bliet tad-dinja.... Il ġrajja tad-dinja, biex ngħid hecc, kuddiem xi siġar donnha ticchien. Il *balluta tal partigjani* fil kasam tal Vogesi, ilha miż-żmien li il gemgħa tal bakkunieri u il ħaffiera ta taħt l'art ħarbtu is-saltna ta Filippu Aŭgustu; is-siġra taz-zappin ta Dalmone imsejħa *stalla dei camoxi* (bhejjem li għandhom mil mogħoż grixtin u li jieħdu minn gildhom il camoxxa) jintgħad li tgħodd iżjed minn 1200 sena; is-siġra taż-żebbuġ li tgħallak magħħa Ġuda, igħidu li għadha ħajja; it-tilju (siġra li tagħmel ŭard isfar li ifuħ ŭisk) ta Neustadt, għall ħabta ta nofs is-seclu sittax, ġà chienet tgħodd 1000 sena, mar iżurha id-Duca ta Wirtemberg u ġagħal in-nies tieghu jonkxu ismu fuk ŭaħda mil friegħi tagħħa; it-tilju ta Friburgu jiftacar fit-takbida ta Morat; it-tilju ta Villars-en-Moing hua ixjeħ minn dan li semmejna issa, għaliex fis-sena 1746 chien ilu ħafna jagħmel il ŭard; il balluta tat-*Tre Contee* tiftacar biex ngħid hecc fil ġrajja collha tal Inghilterra sa minn żmien ir-Rumani; il balluta ta Clipson tiftacar iżjed minn 1500 rebbigħa; il balluta ta Allouvilte tiftacar fil biċċa il cbira tal festi li chienu jagħmlu id-Druidi (Kassisin tal allat karrieka) u tat-tbgħarid u il ħażen tagħhom!

Hija imsemmija ŭisk is-siġra tal kastan taċ-*Cento cavalli* ta fuk il Munġbell, li tiftacar fi Ġŭanna ta Aragona, u mhux ftit mil-ljeli ta tbgħarid li saru taħt il friegħi cbar tagħħa.

Brydone, fl'1770, rà dis-siġra li chienet bdiet tintemm: iżda il Canôncu Recupero chien feraħ ŭisk bil kerda tagħħa x'ħin gieb kuddiem għajnejħ iż-żmienijet coroħ li għaddeŭ minn fuk dis-siġra.

Imsemmijin ucoll id-*dolf ta Coo*, l'art li tàt it-tŭielid lill'Ipocrate u lill Smirne; is-siġra tat-trementina ta *La Motte-Jeuilly*, li tiftacar fil mogħdija tas-srabat tar-Rumani u fid-dmugħ ta Carlotta D'Albert, il mara sfortunata ta Cesari Borgia; tiftacar ucoll f'Valentinu u fid-dmugħ ta Ġŭanna ta Franza, li, mifruda minn żeŭġha Luigi Tnax, chienet tmur titbecca taħt id-dell tal friegħi tagħħa. U is-siġra ta *Pope*, li tiftacar il Pope tfajjel, li taħt il ŭerdk tagħħa chien imur jixxaħxaħ; u is-siġra l'oħra tat-tuffieħa ta Newton....

U xi tridu iżjed fuk il ŭard u is-siġar, m'hux biż-żejjed sa haŭn?....Mela isimgħu din!....

*(Jissocta)* G. MICALLEF-GOGGI.

## Unjoni Cattolica "San Giusepp."

Palazz Caraffa.

Fl'24 ta Decembru, 1912.

Il President u il Cumitat ta din il Ghakda jixtieku ifissru il gratitudini taħhom lejn daŭc is-Sinjuri collha li ħadu sehem b'mod jeŭ ieħor biex tirnexxi il *Fiera* li saret haŭn, ftit granet ilu, ghall bżonnijet tal Imsieħbin li ghad icunu mghejuna fil mard jeŭ f'xi disgrazzji fuk ix-xghol.

Jistħokkilhom ringrazzjament barrani: is-Sinjurina Anjese Schembri, il Marchisa Apap Testaferrata, is-Sinjura Levy Grech, is-Sinjura Meli, is-Sinjura Agius, is-Sinjurina Sciortino; is-Sinjurini Lanzon, Marich, Naudi, u Demarco, Monsinjur Canoncu Paŭlu Galea, il Canôncu Tartaglia, Patri Allegra u il Conti Ġlormu Tagliaferro; in-Nutar Bartoli Galea; is-Sinjuri Dŭardu Galea u Anġlu Galea; il Cavalier Roberto Balbi; u is-Sinjuri C. Pace Asciak, C. Colombos, G. B. Delia, V. De Brincat, G. Żammit, Mazzitelli e Fontana, S. Mercieca; u il Baned *Vilhena* u ta li *Stitut Bonnici*.

WALTER AGIUS,
Segretarju.

## Chitbulna:—

Mil Mosta,
fil 20 ta Dicembru, 1912.

Sur Direttur tal Ħabib,

Smajna haŭn li inti, fil Cumitat Esecuttiv tal Cungress Eŭcaristicu, mill'eŭŭel tchellimt biex il *Lakgha il Cbira* (*Sessione Principale* jeŭ *Plenaria,* ma nafx chif ighidulha) ma issirx Birchircara, ghax id-daħla ghall Culleġġ tal Geżŭiti minn geŭŭa skak cherha ŭisk: u sa haŭn ghandec ragjun. Imma, f 'lôc li tchellimt biex dic il *Lakgha* issir tas-Sliema, ghand is-*Sależjani,* chif kalulna, ghax ma tfacartx li Malta haŭn tempju famus, tempju li hu ŭieħed mill'acbar u mill'isbaħ tad-dinja chif iddur?.... Monsinjur Heylen baka b'ħalku miftuħ mita daħal geŭŭa il Cnisja taghna: u m'hix ħaġa cbira, ghax kablu bakghu b'ħalkhom miftuħ il Cardinal Bourne u bosta Cbarat oħra!

Mita ghandna Malta tempju bħal dan, li jasa fuk tnax il elf ruħ, tmorru tghattu bitħa bl'incirati, biex tilkghu fiha l'akŭa nies tal Eŭropa Cattolica?....

Aħsbuha aħjar, ghax ŭisk nibża li in-nies sejjrin imorru ighidu bîna!

Issib haŭn biljett b'ismi ghas-soddisfazzjon tieghec biss: u frattant ghoddni dejjem, bħalma ili minn bosta u bosta snin, il ħabib ghażiż tieghec,

S. A.

Gibna din l'ittra ghax jixrak li, f'ħaġa bħal din, cull-ħadd isamma leħnu: anzi, ħaġa sabiħa ŭisk li tati il ŭisgha biex jitchellem lil min ma jaħsibhiex bħalec: imma, barra mil cobor u il ġmiel tal Cnisja, hemm bżonn fuk hiex tŭassal daŭc in-nies collha—ghoxrin elf ruħ jeŭ actar, bejn min imur biex jidħol fil Cnisja u min imur biex jara minn barra.—Kâlu ucoll, fil *Cumitat General* tal *Cungress Eŭcaristicu,* li il Cnisja tal Mosta m'hix tajjba biex isiru *id-discorsi* fiha, ghax tirbomba ŭisk: u, jecc niftacru seŭŭa, dan, fost l'oħrajn, kâlu Sacerdot li min jaf chemm ippriedca fiha: imm'aħna, minn ghalina, ma tchellimniex ħlief fuk il boghod u in-nukkas tal ingenji: u, jecc icun haŭn il mezzi biex imorru daŭc il ktajja ta nies, xejn ma jiddispjacina li il *Lakgha il Cbira* issir hemm, ghax aħna persŭasi li, mita nuru it-Tempju tal Mosta lill frustieri, icollna biex niftaħru.

Bitħa b'oħra, żammejna dejjem ma tas-*Sależjani,* imħabba id-daħla taħħa u il ġmiel ta ma dŭarha (tas-Sliema, l'actar fil kuċċata u mat-triek ta fuk il baħar ghandha bixla ta belt muderna): imma narġghu nghidu li, chiecu insibu Cnisja jeŭ Palazz fil kabda, ma natux il vôt taghna ghal bitħa.

ID-DIREZZJONI.

---

## Xoghol l'Idein u xoghol il mâgni.

Il mâgni f'ġurnata zmien jaghmlu dac li l'idein ma jirnexxilhomx jispiċċau f'sena, u ghalecc xoghol il mâgna jinbieh bil bosta u bosta irħas.

L'idein ma jaslu katt biex jirfinixxu ix-xoghol bhal mâgni, u ghalecc dan ta l'aħhar dejjem imfittex a dannu ta dac tal euuel.

Ghalecc ġara li in-nies mdorria bix-xoghol irhis u irfinit tal mâgni uarbet ix-xoghol ghali u fli stess hin imhaxlef tal idein.

Haun Malta aħna ma fadlilniex naghzlu ħlief li niddecidu nibdeu naħdmu bil mâgni jeu li nokoghdu narau flusna hergin il barra sa dac in-nhar li il guai li ghandna f'darna icun temmna ghal collox.

Imma biex narmau il mâgni jehtieg jitlakkghu dat-tliet huejjeg: L'euuel nett il Capitalisti; it-tieni nies ta hila cbira fit-tiżmim tal cotba, li bil capacità tahhom, bil mod li izommuhom daun il cotba u bis-sodisfazion li jatu, ibeghedu min moħħ il capitalisti cull dubiu li jista icun hemm xi kerk; it-tielet il ħaddiema; dauna min-naha tahhom hemm bzonn jifhmu li interess tahhom hu li siedhom imorru il kuddiem u ghalecc ma ifittxux li jisirkuhom, u jiftacru ucoll li min kieghed jissogra flusu suppost li ghandu icollu klieh cbir.

Imma inti, il karrej, naturalment tgheidli dana conna nafuh, xin'huma il mâgni li trid iggib u xin'hu li trid taghmel bihom. U jena ngheidlec li la jen u lankas int ma nistghu nuiegbu dil mistoksia uehidna.

Dan irid icun ix-xghol ta Xirca muakkfa biex tistudia mil kieh din il quistioni.

Li tara mil l'istatistica tad-Duana xin'hu il consum tal oggett li trid tiffabrica, xin'huma li spejjes biex tiffabbricah, jecc hemx prubabiltà li tista tbieh minnu barra min Malta u tant u tant huejjeġ ohra li il hidma maghkuda ta hafna nies biss jista icollha xi tama li tirnexxi fihom.

Il ġbir tal Capitali jigi uara, hatt m'hu sejjer johroġ flus kabel ma jara intrapprisa immexxija bil hsieb min nies capaci u onesti, li huma l'akua garanzia ghas-success.

Nibdeu kabel id-deumien u ir-rkad taghna ma icun katilna ghal collox.

Sal lum ghad haun il capitali fil pajjis: x'ghad jiġri il kuddiem hatt ma jista igheidu.

S. S.

---

## Ma dûar il Gżira.

Pitghada—il ħamis—26 ta dicembru—fl'erbgha u nofs ta fuk nofs in-nhar—jintaghtaŭ il Premji, b'festa cbira, fis-Seminarju ta Ghaŭdex, li hu, bla ma jista ħadd imieri, ŭieħed mill'akŭa *Stituti ghat-taghlim* li ghandhom il Gżejjer taghna. Niżżu-ħajr lill Monsinjur Canonicu Alfonsu Marija Hili, Rettur gharef u ħabriechi ta dac is-Seminarju, li ghoġbu jistedinna ghall festa ta li Stitut tieghu.

—Xi ħadd minn Ghaŭdex ghemghilna li il *Ħabib* jasal hemm il ħamis, fil ŭakt li haŭn Malta jitkassam it-tlieta; u dan tâna gost ghal żeŭġ ħŭejjeġ— l'eŭŭel nett, ghax juri li hemm icunu kieghdin jistennewħ bil ħrara; u, imbaghd, ghax jatina id-daŭl fuk dmîrna. Aħna min jifthilna ghajnejna, mhux li ma nitfanstux mieghu, imma nibkghu nafuhulu. Iżda il *Ħabib* joħroġ haŭn Malta nhar ta tlieta, ghall ħabta ta nofs in-nhar—xi darba, fil bghid, siegha jeŭ tnejn kabel: u ma jistax jitlak ghall Ghaŭdex ħlief nhar t'erbgha. Mil bkija, nitolbu l'*Amministratur* taghna jaghmel chemm jista biex jiccuntenta ucoll il ħbieb ta Ghaŭdex, li huma ħafna u gheżież ghandna.

—Niżżu-ħajr is-Sinjuri tad-Ditta *A. G. Cousis and Co.,* li ghoġobhom jibaghtulna Almanacc cbir u sabiħ mill'actar.

—U la aħna kieghdin insemmu ir-rigali li jintaghtaŭ lill gażetti, irridu naghmlu żeŭġ tŭissijet lil min ghandu bżonnhom: l'eŭŭel ŭaħda hi din, li il gażetti bil Malti, mita jafu iżommu-ruħhom tajjeb, m'huma xejn inkas mil gażetti bit-Taljan u bl'Ingliż, anzi, chif ighid il Gvern fejn jakbillu, huma il *veri gażetti tal Poplu,* u ghal hecc dac li jinbghat lil xi uħud imissu jinbghat lil collha, ghax mhux daŭc biss li jafu jakraŭ bl' Ingliż u bit-Taljan ghandhom il jedd icunu jafu certi ħŭejjeġ tal Gvern, bħalma hu, per esempju, dac li jidher mil *Blue-Book*;—u l'oħra, li min joħroġ ctieb tal gid ghall'erŭieħ, l'actar mita il chittieb icun imlibbes b'*carattru* li ghandu jati esempju, il *passjoni tal partiti* jaħtieġ tokghod fil genb, jecc tas-seŭ il ctieb icun maghmul bi ħsieb tajjeb. Min ghandu ŭidnejn biex jisma, jisma.

—Inroddu il ħajr bil kalb collha lill'Onurabbli Direttur tal *Istruzzjoni Publica,* li ghoġbu jistedinna ghall festa tal premji lit-tfal ta li Scola tal Furiana. Il festa saret ilbieraħ, fit-3 ta fuk nofs in-nhar, geŭŭa iċ-Circlu *Britannja*; u il premji tahom l'Onurabbli Ŭenzu Gatt, C.M.G.,C.E.,P.P.A., Cap tax-Xoghlijet tal Gvern u ħabib ghażiż taghna. Jiddispjacina li ma stajniex immorru: iżda nafu li collox irnexxa tajjeb, anzi mill'aħjar: u ma satax icun xort'oħra, ghax is-Sur Mast Ugo-Pio Borġ u is-Sinjora Antonia Żammit, bla xejn dubju, huma tnejn mill'akŭa Mghallmin li ghandu il Gvern f'li Schejjel tieghu; u mal ħila, ghandhom il ħrara, ittieba u l'onestà. Il Perit Gatt, imbaghd, li tala hecc il-fuk bil ghajnuna t'Alla u bil ħeġġa tieghu, jaghmel onur u igib ir-riżk cull-fejn jersak. Aħna, barra milli nafu b'chemm ħrara u rekka imexxi id-Dipartiment tieghu, mita nokoghdu niftacru chif biddel fi ftit snin it-torok ta Malta u chif gieb il Belt kieghda geŭŭa ġnien, inħossu ghaliħ stima cbira.

—Inroddu il ħajr ucoll lid-Direttur tal *Oratorju Sależjan,* ta tas-Sliema, li stidinna ghall *Gara Catechistica* li saret ilbieraħ tl'ura, fil ħamsa ta fil-ghaxija. Inkas hemm ma stajna immorru: imma jecc xi ħadd icun joghġbu jatina l'aħbar taħħa, nilkghuha bil kalb collha.

—Nhar il Milied (ghada), fl'erbgha ta ŭara nofs in-nhar, bl'arloġġ, fil Palazz Caraffa isir *Matinée* cbir: u fit-teatrin jarġghu jittenneŭ id-dramm *taż-Żeŭġ Surgenti,* li giè mitlub minn bosta nies, u Farsa mill'isbaħ. Tonksux, ghax ŭara taghlu: icun hemm ucoll *Cuncert Canzonettisticu.*

—La kieghdin nitchellmu fuk l'*Unjoni Cattolica,* iriduna infaccru lill daŭc l'Imsieħbin li bakghu l'ura biex imorru jaraŭ it-Teżorier mill'actar fis li jistghu. L'imħallas m'hux dejn, ighid il Malti; u ir-Regulamenti tad-drittijet ghall ghajnuna fil mard u fil curriment fuk ix-xoghol jitchellmu ċar iż-żejjed! Ghall kâleb—ighid il Malti—ma titlefx il ġbejna!

## Naħsbu f'Uliedna

F'daż-żmien sabiħ tal Milied u l'Istrina, meta ma naraŭhiex ŭisk bi tkila noħorġu xi ħaġa minn butna, u kalbna ferħana thoss li jaħtiegilha tghaddi siegha fil ghors u fil hena, cullħadd imissu jasal ŭasla sal Isla, iżur l'Iscola tas-Sorijet Frangiscani, numru 182 ta strada *Due Porte.*

Din id-dar cbira u sabiħa, li is-sorijet ghoġobhom jisilfuha ghall *Festa tal Carità,* fl'24, 25, 28, 29 u 31 ta Dicembru u fl'eŭŭel ta Jannar sejjra tcun mimlija b'dac collu li jistghu jixtieku il cbar u iż-żghar; ghaliex fiha sejjra issir il *Fiera il Cbira tal Isla u il Bazaar Straordinarju,* li tista issejjaħlu: *Ŭirja ta xoghlijet,* ta min jarahom tas-seŭ, ta min iħassilhom.

Biex inħajjru in-nies ma nokoghdux nghidu l'icun hemm minn collox: u loghob, u bejħ, u dakk, u cant, u ichel, u xorb; ankas insemmu is-*Siġra tal Milied,* mixghula b'mit daŭl, l'Arca ta Noè, maħnuka bit-tjur u il bhejjem; il Forn li isaħħar, mimli bl'aħjar kassatat u pastizzi; imma biss nghidu li il klieħ collu tal *Fiera* u tal *Bazaar* icun ta ghajnuna ghall'Oratorju *San Flippu Neri,* fejn ma tulec ja sena mijet ta tfal jagharfu id-dmirijet taħħom ta Insara u jitghallmu icompluhom, fejn f'daŭn il granet il Fkar ċchejcnin ta Gesù Cristu jilbsu minn fuk s'isfel biex jersku chif jixrak ghall'Eŭŭel Tkarbina taħħom.

Immorru sal *Fiera,* cullħadd jista jidħol b'xejn; immorru, ħalli, cullħadd chif jista, incomplu dmîrna.

NAHSBU F'ULIEDNA.

G. D.

# L-Għannej ta' Ŭara L-Bjut.

(Mill-ctieb tal-Ħajja)

GĦANJA

Jien smajtha fin-nieka ta ŭaħda tarbija.
Għożżejtha bħal-għanja dic l-eŭŭel tislima.
Mill-kalb chienet ħarget, fuk l-għajn chienet dehret
bid-demgħa tal-bichi dic l-eŭŭel tislima.

U ġbartha ġò kalbi, ftacartha fil-għòkla
ta' ŭara tfuliti, fit-Tama 'mtennija,
fil-għàxka li tisgħâr ġôl-hemda ta ljeli,
fost meŭġ ta' ħsieb kaŭŭi, fit-tama 'mtennija.

Ftacartha fil-ħedma tax-xeŭka u l-baħar
tal Ħajja mexxejja bdil-għanja mort naksâm.
Bl-mrâr ridt niddieħac fil-ħeġġa ta' kalbi,
fil-kaŭŭa ta saħti bdil-għanja mort naksâm.

Ja Tama bennejtni biex lè jien ma nibchi,
biex nakdef u nofrok il meŭġ ta' xôrtija;
ma l-għarka ta' sħabi kuddiem l-għajnein tiegħi
aħ.. xejn ma kaŭŭietni fill-meŭġ ta' xortija.

Għaddejt min geŭ 'l-cotra tan-nies ta' did-dinja,
ħassejt dic id-dieka ta' ktigħ ġò 'mnifseija,
xeħtuni f-sakajhom, kaluli mur bâti;
ħarist leija-nnifsi bill-ktigħ ġò mnifseija.

Fi skajjak sibt ruħi, fuk bejt smajt il għana:
il-carba, l-ħurħara tal-Meŭt dieħla l-geŭŭa,
tax-xbejba it-tnehida mal-ħoss taċ-ċumbini
tan-neŭl, tad-deffina (*) ma l-għanja ta hemm geŭŭa.

Mort nghanni taħt siġra — l-Għannej, kalu, giena.
Minn bejt xirfet xbejba ġol ksari tal-kronfla.
Mort l-għada, rajt dieħla dakkakä u ħaddarä.
Għàbiet, kalu 'xbejba mal-ksari tal-kronfla.

"Xejn tifraħ, ja bniedem, bli-muielda tarbija;
hi l-għajn malli fetħet fli-fsieki giet tibchi."
Int omm għalxejn tbennen: għal siegħa biss tnessi
fil-kalb it-tixjra f-min tŭieled biex jibchi.

Ja kabar, ja nieka, ja ctieb ta' dil-Ħajja,
int biss isserraħħna.—Mictub iggib inti:—
"Fil-Ħakk ta crugħiti haŭn l'għani giè jorkod
mall-fkir f-sodda uaħda," Mictub iggib inti.

A. Cremona.

(*)*Deffina* hi gebla *tal-kaŭŭi* biex jisħku id-*deffun*: xogħol li isir gôl-rħulä.

## Ma dûar id-dinja.

*Ingħilterra*—Id-delegati għal Cunferenza tal Paci, Serbi, Grieghi u Muntenegrini, fl'14 tax-xahar li aħna fiħ, ŭaslu Londra, u geŭ milkugħin minn Sir E. Grey: aŭl-il-lejl ŭaslu ucoll id-delegati Toroc. L'eŭŭel lakgħa chienet fis-16 tax-xahar.—Għall'eŭŭel intkal li it-Toroc chellhom ordni sabiex ma jiltakgħux mal Grieghi, għaliex daŭn ma ŭakfux mil gŭerra ŭakt l'armistiziu—imbgħad intkal li it-Toroc chellhom ordini li fil Cunferenza jittrattaŭ mal Grieghi ucoll.

Fl'eŭŭel lakgħa Sir E. Grey fl'isem tar-Re sellem lid-Delegati collha, u urihom ix-xeŭka ta li stess Re li tingħakad il paci—u assigurahom li f'Londra għandhom il libertà collha, Sir Grey giè magħżul bħala President onorarju u imbgħad irtira.

Ŭara l'eŭŭel lakgħa it-Toroc talbu li jiddeffirixxu il lakgħat l'oħra sa chemm jircievu istruzzjonijet oħra fuk il Grieghi, li bakgħu jiccumbattu.

Daŭna l'istruzzjonijet inbagħtu ma Currier specjali, u milli jissupponu, il Gvern Torc għarraf lid-delegati tiegħu li jistgħu jintakgħu mal Grieghi għalchemm l'armistizju ma giex iffirmat minnhom.

*Grecja u Turchja.*—L'aħbarijit minn Atene u minn Costantinopoli xein ma jakblu bejnhom. Il Grieghi igħidu li rebħu, u it-Toroc jiftaħru li il Grieghi tilfu tant fl'art chemm fil baħar. Il Grieghi igħidu li ħarrbu it-Toroc minn fortizza fejn Ġannina, li inħarket, u li it-triek ta Ġannina hi miftuħa.— It-Toroc, imbgħad, igħidu li giebu rebħa cbira fuk il Grieghi, kabdulhom batterija tal muntanja.—It-Toroc, imbgħad, isostnu li ŭara cumbattiment ta sitt siegħat, il Grieghi geŭ mirbuħa, tilfu 400 maktula u 126 feruti, ħarbu u ħalleŭ tliet canuni.

L'istess ħaġa ngħidu fuk il gŭerra navali. L'Armirall Grieg, Conduriotis, ittelegrafa li chien hemm cumbattimenti bejn id-Dardanelli u il Gżira Imbros. Il flotta Torca għal chemm għadha protetta mil fortizzi,ŭara siegħa ta cumbattiment ħarbet geŭŭa id-Dardanelli fost l'icbar disordni.

It-Toroc, imbagħad, igħidu li tlieta jeŭ erba' balal laktu l'incrocjatur Grieg Averoff. Li sparar tan-navijet l'oħra, għalchemm sparaŭ, ma lakatx ħlief fregata Torca.

*Aŭstrja u Serbja.*—Is-Serbja għadha tirsisti li icollha port fl'Adrjaticu, mentri l'Aŭstrja, miftehma mal Italja u mal Germanja, għarrfitha li dan ma jista icun katt. Intant għadha tiġbor in-nies fuk il confini u tarma ruħha mill'iżjed.

Il Grieghi ħadu Paramythia ŭara ġurnata ta chiefer cumbatiment.

*Ingħilterra.*—Fil ŭakt li is-Sotta-tenent Parke chien kiegħed jittajar b'arjoplan ma passiġġier, Londra, ŭaka minn għoli ta 150 pied: ŭaka imħabba ta ħsara fil mâgna u bakgħu it-tnejn mejta.

*Serbja.*—Igħidu li is-Serbi f'din il gŭerra chisbu minn tal għedeŭŭa 308 canun, 40 miljun scartoċċ, 50 elf libra porvli u 213 il xcubetta, li collha jisŭeŭ 100 miljun ta franchi.

L.M.C.G.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

## "Oħt L'għama."

Dan id-Dramm tal Goldoni, maħdum donnu bizzilla fin-nisġa tiegħu u migjub bil Malti mil mejjet Arturu Cumbo, giè irrappresentat nhar il Ħadd, il 15 ta Dicembru, fit-Teatrin tal *Unjoni Cattolica*, kuddiem ħafna nies, illi għandna pjacir ngħidu fehmuha tajjeb il lezzjoni tiegħu, għaliex chif Marija, il protagonista, messet l'argument fil final tat-tieni att, cull-ħadd ħabbat idejħ għall chelma: *intom is-Sinjuri collox tħallu għall flus, imma aħna il fkar xejn ma għandna għeżeż mill'onur.*

U la semmejna il Marija, ħalli ngħidu illi is-Sur Oreste Cumbo żamm dejjem ŭisk tajjeb il carattru tiegħu, specialment fit-tieni att, fejn ŭira x'għandha il ħila tagħmel mara biex tiddefendi l'unur taħħa.

Ernestu ħu Marija, ragel għama, chien is-Sur Argento li bil pacenzja li ħa fl'isventura tiegħu, donnu ried juri illi it-truf tas-seŭ jokogħdu flimchien, għal min raħ kabel fl' *Otello.*

Tajjeb ŭisk is-Sur Mercieca fil parti ta Giorgju, missier Carolina, il għarŭsa ġdida, għax għânja, ta Arturu; tajjeb fil carattru tiegħu ta bniedem illi jagħŭi dejjem u ma iħarisx ħlief lejn il gid tiegħu, is-Sur L. Scicluna, ziju Arturu; tajjeb ucoll is-Sur A. Borġ, fil parti ta Carolina, specjalment meta għarfet li Arturu ma chienx sincier; tajjeb, fl'aħħarnett, is-Sur G. Dimech, għaliex chellu il parti ta Lŭigi, ħu Marija, li tant tokogħdlu, għaliex parti ta imferfex.

L'aħħar chelma inħalluha għall Arturu, il għarus ta Marija. Dan il giuvnott, għall'età tiegħu u għall pratica ċchejcna li għandu, ma satax jagħmel aħjar, però ma nistgħux ma ngħidux illi dic il parti chienet titlob ŭieħed icbar u ictar xieref fl'azzjoni, ħalli jista jokgħod kuddiem is-Sur Cumbo (Marija), fit-tieni att collu u fil bidu tat-tielet att.

Verax.

## Li Strina

cull-ħadd icun jistenniha, għax hecc sejjra id-dinja: u bosta nies li igħixu bil ħobża ta cull-jum, icunu jistenneŭ il *pircacci* ta li *Strina* biex iseŭŭu xturhom mill'aħjar li jistgħu!

Ŭieħed minn daŭn—u ma jistħix igħidu, għax il fakar ma jagħmelx għajb—hu irragel li ikassam il *Ħabib* u jiġri bir-Rcevuti tal Imsieħbin. Tafu chemm tislib ta torok u chemm tluħ u inżul ma tulec ja sena! Tafu—biex nitchellmu iżjed bil miftuħ—chemm *m'hux haŭn* u chemm *arġa għaddi*!

Hu, mela, jittama li din id-darba għall'inkas *takduħ mill'eŭŭel*; u imbagħd is-sena li gejja gerruħ chemm tridu. Ma-dan-collu, m'hux ilħiħ u jifraħ b'collox.

Mil Lucerna tal Ħajja.—38 Il bniedem f'sessiħ katt ma jagħmel xejn għal-xejn: imma dejjem icollu xi fini.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### Mistoksija.

Liema hi dic il bhima ċchejcna li, b'*cunsonanti* imŭaħħla ma denbha, issir mil cbar nett?....

Ginu.

L'aħħar XARADA chienet:

*Te-l-le-rita* = Tellerita.

Giebuha tlieta biss, għad li bagħtu ifissruha tmienja: is-Sur G. Sciberras, mil Belt—u tnejn minn Għaŭdex, is-Sur *C. A.* (ir-Rabat)u is-Sur Dŭardu Grima (San-Laŭrenz).